# Il-LITURĠIJA TA' L-ART U S-SEMA

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli**
**Atti 5, 27b-32, 40b-41**

F'dak iż-żmien: Il-qaddejja ressqu lill-appostli quddiem is-Sanhedrin. U l-qassis il-kbir qalilhom: "Aħna għednielkom fuq li għednielkom biex ma tgħallmux f'dan l-isem, u araw, issa mlejtu 'l Ġerusalem bit-tagħlim tagħkom, u tridu titfgħu fuqna d-demm dan il-bniedem!'' Iżda Pietru, flimkien ma' l-appostli, wieġeb u qal: "Jeħtieġ li nobdu aktar 'l Alla milli 'l-bnedmin. Alla ta' missirijietna qajjem lil Ġesu' li intom qtiltuh billi dendiltuh ma' għuda. Lilu Alla bil-leminija tiegħu għolla, u għamlu kap u Salvatur, biex jagħti lil Israel l-indiema u l-maħfra tad-dnubiet. U ta' dan kollu hawn xhieda aħna u l-Ispirtu s-Santu, li Alla ta lil dawk li jobduh'' Imbagħad lill-appostli ordnawlhom li ma jitkellmux fl-isem ta' Ġesu'; u telquhom. Iżda huma ħarġu minn quddiem is-Sanhedrin, ferħana talli ġew meqjusa bħala nies li jistħoqqilhom ikunu mmaqdra minħabba fl-isem.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Inroddu hajr lil Alla**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 29**
**Hallelujah, hallelujah, hallelujah**

Ngħollik, Mulej, għax erfajtni,
u ma ferraħtx 'l-għedewwa tiegħi bija.
Mulej, tellajtli 'l ruħi mill-imwiet,
ħlistni minn dawk li jinżlu fil-ħofra.

**R/. Hallelujah, hallelujah, hallelujah**

Għannu lill-Mulej, o ħbieb tiegħu,
u faħħru t-tifkira mqaddsa tiegħu.
Għax is-saħna tiegħu ftit iddum,
iżda tjubitu għomor sħiħ.

**R/. Hallelujah, hallelujah, hallelujah**

Ismagħni, Mulej, u ħenn għalija;
Mulej, kun il-għajnuna tiegħi!
Int bdiltli fi żfin il-għali tiegħi,
Mulej, Alla tiegħi, nfaħħrek ghal dejjem.

**R/. Hallelujah, hallelujah, hallelujah**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ktieb ta' l-Apokalissi ta' San Ġwann Appostlu**
**Apok 5, 11-14**

Jiena, Ġwanni, ħarist, u minn madwar it-tron u l-Ħlejjaq Ħajjin u x-Xjuħ smajt il-leħen ta' ħafna Anġli, li l-għadd tagħhom kien għaxriet ta' eluf, u eluf ta' eluf, igħidu b'leħen qawwi: "Jistħoqqlu l-Ħaruf il-maqtul li jirċievi l-qawwa u l-għana u l-għerf u s-saħħa u l-ġieh u l-glorja u t-tifħir.''
U fis-sema, fuq l-art, taħt l-art, u fil-baħar u l-ħlejjaq kollha li fihom, smajthom igħidu: "Lil dak li qiegħed fuq it-tron u lill-Ħaruf, jingħata t-tifħir u l-ġieh u l-glorja u l-ħakma, għal dejjem ta' dejjem.'' L-erba' Ħlejjaq Ħajjin bdew igħidu: "Amen!,'' waqt li x-Xjuħ inxteħtu jagħtu qima.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Inroddu hajr lil Alla.**

**Hallelujah, Hallelujah**
Nafu li Kristu qam tassew mill-imwiet.
Int, Sultan rebbieħ, ħenn għalina.
**Hallelujah**

**✠L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann**
**Ġw 21, 1-19**

F'dak iż-żmien: Ġesu' reġa' wera ruħu lid-dixxipli ħdejn il-baħar ta' Tiberija. Dehrilhom hekk: Xmun Pietru, Tumas imlaqqam it-Tewmi, Natanael minn Kana tal-Galilija, ulied Żebedew u tnejn oħra mid-dixxipli kienu flimkien, u Xmun Pietru qalilhom: "Sejjer nistad'' Qalulu: "Ħa niġu miegħek aħna wkoll.'' Marru, rikbu d-dgħajsa, u dak il-lejl ma qabdu xejn.
Filgħodu mas-sebħ, Ġesu' kien qiegħed ix-xatt, imma d-dixxipli ma ntebhux li kien Ġesu'. Ġesu' qalilhom: "Għandkom xi ħuta, uliedi'' "Le,'' weġbuh. Qalilhom: "Waddbu x-xibka n-naħa tal-lemin tad-dgħajsa u ssibu.'' Dawk waddbu x-xibka, u mbagħad ma felħux itellgħuha daqskemm qabdu ħut! Dak id-dixxiplu l-maħbub ta' Ġesù qal lil Pietru: "Il-Mulej dan!'' Għalhekk Xmun Pietru, kif sema' li kien il-Mulej, xeħet fuqu l-libsa ta' fuq, għax kien għoddu għarwien, u ntefa' l-baħar. Id-dixxipli l-oħrajn, billi ma kinux imbiegħda wisq mill-art - xi mitejn driegħ biss - resqu bid-dgħajsa ikaxkru x-xibka bil-ħut warajhom.
Kif niżlu l-art, raw li kien hemm xi faħam jaqbad, bil-ħut fuqu, u ħobż. Qalilhom Ġesu': "Newwlu 'l hawn xi ħutiet minn dawk li għadkom kemm qbadtu.'' Xmun Pietru tela' fid-dghajsa u ġibed l-art ix-xibka mimlija b'mija u tlieta u ħamsin ħuta kbira; u minkejja daqshekk ħut, ix-xibka ma tqattgħetx. Qalilhom Ġesu': "Ejjew, kulu.'' Imma ħadd mid-dixxipli ma ssogra jistaqsih, 'Int min int?' għax intebhu li kien il-Mulej. Ġesu' resaq, qabad il-ħobż u newwilhulhom; u hekk ukoll għamel bil-ħut.
Din kienet it-tielet darba li Ġesu' deher lid-dixxipli wara li tqajjem mill-imwiet. Wara li kielu xi ħaġa, Ġesu' staqsa lil Xmun Pietru: "Xmun, bin Ġwanni, tħobbni int aktar minn dawn?'' "Iva, Mulej'' wieġbu, "int taf li nħobbok.'' Qallu: "Irgħa l-ħrief tiegħi'' Staqsieh għat-tieni darba: "Xmun bin Ġwanni, tħobbni int?'' "Iva, Mulej'' wieġbu, "int taf li nħobbok.'' Qallu: "Irgħa n-ngħaġ tiegħi'' Għat-tielet darba staqsieh: "Xmun, bin Ġwanni, tħobbni?'' Pietru ħass għafsa ta' qalb għax staqsieh għat-tielet darba jekk iħobbux, u qallu: "Mulej, int taf kollox, inti taf li nħobbok'' Qallu Ġesu': "Irgħa n-ngħaġ tiegħi. Tassew, tassew ngħidlek, meta kont żagħżugħ, kont titħażżem waħdek u tmur fejn trid; imma meta tixjieħ, int tiftaħ idejk u ħaddieħor iħażżmek u

jieħdok fejn ma tridx!" Dan qalu biex ifisser b'liema mewta kien sejjer jagħti glorja lil Alla. Imbagħad Ġesu' ssokta jgħidlu: "Ejja warajja''

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**It-tifħir lilek Kristu.**